# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2001**

**Numru 6**

**Avviz. numru 2263/ 98mm**

**Subacqua Supplies and Services Ltd**

**vs**

**Raymond Ciancio u b'verbal tas-27 ta' Jannar 2000 gew mizjuda l-kliem "ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sport Diving Ltd"**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Novembru 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u disghin lira u tmenin centezmu (Lm598.80c) prezz ta' merci lilu mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Jannar 1998 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi l-ammont pretiz mhuwiex dovut mill-esponenti personalment imma mill-kumpanija u dan jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar 2000 fejn awtorizzat iz-zieda fl-okkju fejn wara l-isem tal-konvenut jizdiedu l-kliem "ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sport Diving Limited".

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali li kienet tirrizali ghal diversi snin. Kien hemm kont miftuh favur is-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici.

Is-socjeta' konvenuta kienet gestita parti mill-konvenut Raymond Ciancio u parti mill-mara tieghu Marise Ciancio. Jidher illi f'xi zmien fil-1997 dawna sseparaw u s-socjeta' *Sport Diving Limited* ma baqghetx aktar tiffunzjona b'mod posittiv.

Il-konvenut pero' mhuwiex qieghed jikkontesta l-fatt illi s-socjeta' attrici kienet bieghet xi merkanzija lis-socjeta' konvenuta. Hu wera biss oggezzjoni ghal xi diskrepanzi li apparentement kienu jidhru bejn il-fatturi u *d-delivery notes.*

Is-socjeta' attrici tramite d-direttur Lino Vella Brincatipprezenta dokument fejn spjega dawn id-diskrepanzi u kif jistghu jissucedu bejn *id-delivery note* u l-fattura, peress illi fid-*delivery note* ma jkunx hemm id-discount, kif ukoll il-prezz li l-oggett ikun irid jinbiegh lill-konsumatur. Il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi. Is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex ragun li tkompli toggezzjona ghal hlas ta' l-ammont mitlub, liema ammont huwa wiehed gustifikat u jimmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' hames mija u tmienja u disghin lira u tmenin centezmu (Lm598.80c) prezz ta' merci lilu mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribli mid-data ta' din is-sentenza kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg